MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' April, 2005

Appell Civili Numru. 759/2002/1

**Karen Whitaker**

**vs**

**Fabio Lamagna**

**Il-Qorti,**

Fit-13 ta' Ottubru, 2004 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz fuq indikat datat is-16 ta' Ottubru tas-sena 2002 li permezz tieghu l-attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jhallas lill-attrici s-somma ta' elf seba' mija u hamsin Lira Maltin (LM1,750) bhala sehmu (nofs) minn ammont akbar li thallas minnha ghan-nom u fl-interess tat-tnejn fuq konvenju datat 17 ta' Gunju tas-sena 2000 lil John u Rita konjugi Mifsud, liema ammont intilef wara li thassret l-gherusija bejniethom u l-konvenut naqas li jirrifondilha sehmu;

2. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittri privati tat-12 ta' Marzu tas-sena 2002 u tat-8 ta' April tas-sena 2002 kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni, u bl-imghaxijiet mis-17 ta' Gunju tas-sena 2000;

3. B'rizerva ta' kull azzjoni spettanti lill-attrici kontra tieghu u l-istess konjugi Mifsud;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata d-29 ta' Jannar tas-sena 2003 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:

1. Illi wara li kienet thassret l-gherusija gja' esistenti bejn l-eccipjent u l-attrici, il-partijiet kontendenti ghaddew biex jestendu z-zmien tal-konvenju riferit mill-attrici sat-2 ta' Ottubru tas-sena 2001, b'kondizzjonijiet differenti minn dawk tal-konvenju originali; u ghalhekk l-attrici m'ghandha l-ebda raguni valida skond il-ligi li tiggustifika l-pretensjoni taghha;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, il-partijiet kontendenti ma kienx fadlilhom pretensjonijiet kontra xulxin wara li hassru l-gherusija bejniethom; u ghalhekk ukoll il-pretensjoni odjerna hija nfondata;

3. Illi, ukoll minghajr pregudizzju ghall-premess, l-attrici messha agixxiet fil-konfront ta' John u Rita konjugi Mifsud ghar-rigward tal-flus li thallsu lilhom skond il-konvenju riferit;

4. Bir-riserva ta' eccezzjonijiet ulterjuri li jkunu ammissibbli skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-inizjazzjoni tal-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-partijiet f'din il-kawza ghamlu zmien gharajjes ma' xulxin;

2. Illi fil-kors ta' din l-gherusija huma kkonkludew konvenju datat is-17 ta' Gunju tas-sena 2000 (ara fol 17);

3. Illi biex ikun effettwat id-depozitu fl-istess konvenju jirrizulta li l-attrici hadet dak li hu msejjah "Flexi-Credit" minghand l-HSBC biex b'hekk ikun jista' jithallas sid il-fond de quo, (ara fol 15);

4. Illi sussegwentement l-gherusija bejn il-partijiet thassret u ma hassewx il-htiega li jkomplu bl-oneru li dahhlu ghalih;

5. Illi l-attrici jirrizulta pero' li baqghet thallas l-installments u l-interessi fuq l-ammont lilha misluf mill-Bank fuq indikat ghall-iskop imsemmi;

6. Illi meta l-attrici talbet lill-konvenut jirrifondi nofs dan l-ammont stante li l-gherusija kienet terminata, dan irrifjuta;

Ikkunsidrat:

Illi l-essenzjalita' tal-fatti kif jesponihom il-konvenut jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi hu jsostni bil-gurament li ma jafx jekk l-attrici ssellfitx il-flus li uzat ghad-depozitu fuq il-konvenju fuq indikat li ghalih hu kien ukoll prezenti;

2. Illi jsostni li sar jaf b’dan wara li l-attrici kienet ghamlet kollox;

3. Illi pero’ jiddeponi li jaf li l-ammont ta’ flus imhallas f’ismu u f’isem l-attrici fil-konvenju in dizamina kienet hargitu l-attrici;

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk jirrizulta pacifiku li l-attrici kienet harget il-flus in dizamina bil-ghan li minnhom kellhom jibbenefikaw kemm l-attrici kif ukoll il-konvenut;

Illi l-fatt li l-konvenju ma ffjoriex f’kuntratt mhux dovut ghal xi azzjoni ta’ l-attrici ghaliex jirrizulta li l-konvenut kien dak li ttermina l-gherusija;

Ikkunsidrat:

Illi in vista tas-suespost l-ewwel eccezzjoni hi rrilevanti u qed tigi skartata;

Illi rigward it-tieni ghandu jinghad li din hi ghal kollox erronea u prova ta’ dan hi l-istess procedura odjerna;

Illi fir-rigward tat-tielet eccezzjoni ghandu jinghad li min qed jivvanta xi dritt ghandu l-liberta’ ta’ l-azzjoni u ghandu ghalhekk ikun hu biss li jiddetermina l-mod li bih ghandu jagixxi;

Ghaldaqstant filwaqt li din il-qorti tirrespingi l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, takkolji t-talbiet attrici u ghar-ragunijiet fuq esposti tikkundanna lill-konvenut Fabio Lamagna biex ihallas lill-attrici Karen Whitaker l-ammont ta’ elf seba’ mija u hamsin Lira Maltin (Lm1,750.00,0) kif minnha mitlub, bl-ispejjez.”

Il-konvenut appella minn din is-sentenza u talab li din tigi revokata jew sussidjarjament li tigi riformata billi takkolji t-talba attrici limitatament ghall-ammont li jista’ jirrizulta li ghad fadlilha tircievi minghandu. Il-konvenut jaccenna wkoll f’ wiehed mill-aggravji tieghu illi s-sentenza kienet tiddifetta minhabba nuqqas ta’ motivazzjoni ragonata. Izda dwar dan l-aggravju, anke jekk il-Qorti ssib elementi li jaghmel is-sentenza mhux ghal kollox konformi mad-dispost ta’ l-Artikolu 218 tal-Kapitolu 12, huwa, imbaghad, naqas li jitlob, fil-parti finali tar-rikors ta’ l-appell tieghu, in-nullita` ta’ l-istess sentenza ghal din ir-raguni. Konsegwentement din il-Qorti hi prekluza milli tokkupa ruhha minn aggravju bhal dan. Jibqa’ ghalhekk li jigi konsiderat l-aggravju l-iehor fil-meritu. Aktar minn applikazzjoni hazina tal-ligi din il-Qorti tirravviza fih kritika ta’ l-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti u allura tar-ragonament u tal-konkluzjoni raggunta;

Il-fatti ewlenin f’ dan il-kaz qed jigu hawn rijassunti kif gej:-

(1) Il-kontendenti kienu gharajjes. Huma ntrabtu permezz ta’ konvenju datat 17 ta’ Gunju 2000 (kopja tieghu esebita a fol. 17) li jixtru proprjeta` fl-Imtarfa minghand il-vendituri, konjugi Mifsud. Fuq dan il-konvenju thallas bhala depozitu akkont tal-prezz tad-dar u tal-kcina *fitted* bl-*appliances* l-ammont komplessiv ta’ tlett elef u hames mitt lira Maltija (Lm3500);

(2) Hemm qbil bejn il-kontendenti illi dan l-ammont inhareg mill-attrici wara li otteniet Flexi-Credit minghand l-HSBC. Dan johrog mix-xhieda kemm ta’ l-attrici (fol. 22) u ta’ ommha (fol. 13) kif ukoll hu ammess mill-konvenut (fol. 26);

(3) Wara li thassret l-gherusija, il-precitat konvenju gie mgedded bl-adezjoni taz-zewg kontendenti. Fih jinghad li ddahhlet kondizzjoni illi jekk ix-xerrejja ma jersqux ghal kuntratt minghajr raguni validu jitilfu d-depozitu;

(4) Skond l-attrici t-tigdid sar biex tipprova tassenja d-drittijiet taghha lil terzi. Tistqarr ukoll illi hi kienet pronta tersaq wahedha ghall-kuntratt pero` l-konvenut irrifjuta (fol. 24);

(5) Fil-versjoni tal-konvenut, kienet l-attrici li riedet iggedded il-konvenju ghar-raguni li riedet izzomm l-post hi. Jghid ukoll li hu, bhall-attrici, ghamel tentattivi biex ibiegh il-proprjeta` u b' hekk l-attrici tkun tista' tirkupra l-ammont tad-depozitu (fol. 27);

(6) Jirrizulta wkoll mill-provi illi l-kontendenti kellhom *joint account* mal-Bank of Valletta (ara r-rendikont tieghu minn fol. 28 sa fol. 31). Fih kien jidhol il-paga tal-konvenut biss. Meta thassret l-gherusija l-konvenut ghadda n-nofs tal-bilanc lill-attrici. Dan hu rikonoxxut ukoll mill-attrici (fol. 23). Skond il-konvenut huwa ghadda lill-attrici s-somma ta' elf u mitejn lira (Lm1200) minn dan l-*account* (fol. 27 - fol. 43). Ghall-precizazzjoni skond kif indikat f' Nota tal-konvenut a fol. 54 l-ammont hekk mghoddi lill-attrici kien elf mija u sebgha u hamsin lira, disgha u erbghin centezmu (Lm1157.49,);

Precizati dawn il-fatti, li din il-Qorti dehrilha li kienu l-aktar li jispikkaw minn dak kollu rakkontat mill-kontendenti u mix-xhieda prodotti minnhom, il-kwestjoni centrali f' dan il-kaz ma titrattax minn talba ghal danni kuntrattwali minhabba thassir tal-gherusija, li, skond gurisprudenza affermata, hi veru u proprju kuntratt bilaterali vinkolanti (**Vol. XXII P I p 26; Vol. XLIII P II p 805**). Dan anke ghaliex skond ma jirrizulta mill-provi l-kontendenti rrizolvew din il-parti bi ftehim konsenswali. Hi invece domanda diretta ghar-rizoluzzjoni tal-pendenza naxxenti mill-volonta` tal-partijiet meta, flimkien, dahhlu f' obbligazzjoni ma' terzi biex jakkwistaw proprjeta` ghall-uzu post-nuzzjali;

Evidentement, in kwantu kuntratt, l-gherusija kkrejat komunjoni ta' debitu u ta' kreditu bejniethom, u dan necessarjament inissel il-partecipazzjoni taghhom it-tnejn

ghall-attwazzjoni tar-rapport. Ghalhekk lil kull wiehed u wahda tispetta kwota ta' obbligazzjoni korrispondenti ghar-rapport tal-komunjoni indiviza ta' bejniethom u li allura f' kaz ta' xoljiment ta' din l-istess komunjoni, l-obbligazzjonijiet assunti jigu spartiti skond din il-kwota. F' dan il-kaz kull wiehed mill-kontendenti kellu fl-gherusija kwota ndaqs u li allura hu prezunt ukoll li ndaqs dahlu fl-*idem debitum* u l-*eadem causa obligandi*. Dan igib allura illi jekk wahda minnhom ikkontribwit bi flus proprji ghall-obbligazzjoni l-parti l-ohra hi mistennija li tirrifondilha dak is-sehem korrispondenti ghall-kwota taghha, jigifieri n-nofs tal-hlas li l-parti fosthom tkun ivversat;

Applikat dan kollu ghall-kaz *de quo* huwa innegabbli, anke ghaliex dwar dan ma tezisti l-ebda diskordanza, illi bejn il-kontendenti kienet tezisti din il-komunjoni ta' interess tant li t-tnejn dehru fuq il-konvenju, kemm dak originali, kemm dak imgedded. Hekk ukoll u bl-istess mod l-akkont mal-Bank of Valletta kien intestat f' isimhom it-tnejn. F' dan ma hemm xejn gdid; anzi hu bil-wisq naturali fil-kaz ta' xebba u guvni li jkunu qeghdin serjament jikkontemplaw zwieg. Hu ragonevolment mistenni, imbaghad, illi meta jinqalghu l-intoppi u l-weghda taz-zwieg tispicca dak li kien fil-komunjoni ta' bejniethom jinqasam. Dan jinkludi anke l-komunjoni tad-debitu li jkunu dahhlu ghalih flimkien izda li dwaru tkun ikkontribwixxiet biss parti wahda. B' egwal mod dan ighodd fil-kaz tal-komunjoni ta' kreditu konsistenti fl-akkont bankarju li ghalkemm appartenenti lit-tnejn kien jinkorpora fih l-kontribuzzjonijiet biss ta' parti minnhom, ossija tal-konvenut appellant;

Dan iwassal b' effett illi meta s-sors huwa personali lil xi wiehed biss fost il-konsorti, hu, imbaghad, mistenni li kull wiehed minnhom jirrikonoxxi dan l-istat ta' fatt. Hekk fil-kaz in ispecje il-konvenut kellu jirrikonoxxi li hu debitur versu l-attrici tan-nofs tas-somma minnha versata fuq il-konvenju mentri l-attrici kellha minn naha taghha taghraf u tikkoncedi illi l-flejjes li rceviet mill-kont bankarju surreferit kienu flejjes proprji tal-konvenut, anke jekk l-akkont kien wiehed *joint*;

Hekk, kif taraha din il-Qorti, una volta skartati s-sottomissjonijiet ta' l-appellanti li, bir-rispett kollu huma ghal kollox inaccettabbli u ma jservux biex jinnewtralizzaw il-pretensjoni ta' l-attrici, b' sens ta' gustizzja u ekwita` l-ewwel Qorti messha hadet in konsiderazzjoni l-hlas li l-appellant kien ghamel lill-attrici mill-flus proprji tieghu. Dan anke jekk, kif sottomess mill-appellata, dan il-hlas ossija qsim tal-kont bankarju ma kellux x' jaqsam mal-vertenza oggett tat-talba taghha. Eppure dan il-hlas fil-hsieb tal-Qorti la seta' jigi negat u lanqas injorat. Dan anke biex tigi evitat lokupletazzjoni ngustifikata u ttemm darba ghal dejjem kull kwestjoni jew azzjoni ohra bejn il-kontendenti;

In bazi ghall-konsiderazzjonijiet fuq imfissra huwa l-kaz li din il-Qorti tilqa' t-talba sussidjarja ta' l-appellant u b' hekk tirriforma s-sentenza appellata fis-sens li tilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' hames mija tnejn u disghin lira Maltija, wiehed u hamsin centezmu (lm592.51), korrispondenti ghad-differenza bejn is-somma domandata mill-attrici (Lm1750) u l-versament ta' l-ammont li sarilha mill-kont bankarju (Lm1157.49,0).

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell interpost fis-sens li tirriforma s-sentenza appellata kif fuq spjegat u b' hekk tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' hames mija tnejn u disghin lira Maltija, wiehed u hamsin centezmu (Lm592.51,0), bl-interessi kif mitluba;

L-ispejjez gudizzjarji tal-prezenti istanza jigu sopportati b' mod indaqs bejn il-kontendenti. Dawk ta' l-ewwel istanza jibqghu kif decizi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------